aċċettazzjoni tal-konvenut li jittratta ma' l-attur dwar l-ilment *tiegħu u sahansitra joffrilu ftehim jimplika rinunzja għall*-preskrizzjoni (anke jekk ġà akkwiżita) in kwantu hija inkompatibbli ma' l-intenzjoni li jippreservaha u jopponiha;

**(Artikolu 2109 Kodiċi Ċivili u sentenzi: Camilleri *vs* Borg, 21.3.58; Borg *vs* Nobbli M. Testaferrata Bonici; M.C. Demarco *vs* G. Zammit, 11.6.43 u l-awtur Troplong "Della Prescrizione")**;

Skond l-awtur Troplong "*Vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore, senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e l'espressione usata dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore ma non riconosceva essere esatta la somma*";

**(Troplong - Prescrizione No. 67, Aubrey *et* Rau V111 para. 776)**;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi, prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm404.66;

Bl-imgħax kif mitluba u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

---

**29 ta' Jannar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Andrew Camilleri *et noe*

*versus*

Emanuel Spiteri eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta' Redeemer Furniture

## Bejgħ - Oġġett Difettuż - Azzjoni jew Eċċezzjoni

*Skond il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna l-allegazzjoni tax-xerrej li l-oġġett mibjugħ hu difettuż dejjem ġie kkunsidrat bħala allegazzjoni ta' vizzju redibitorju.*

*Fis-sentenza **Cilia La Corte** vs **Galea** (Vol. XX, pt. 3, pg. 57) il-Qorti rriteniet li:* "Che è gurisprudenza costante di questi tribunali che il diritto nascente da vizio che intitola all'azione redibitoria od estimatoria non può essere dedotta in linea di eccezione ma *dev'essere in tempo utile esercitato per via di azione*".

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi ppremettew illi l-konvenut huwa debitur ta' l-atturi *nomine* fis-somma ta' tliet mija u tnejn u ħamsin lira Maltija (Lm352) bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' madum lilu mibjugħ u kkonsenjat;

Premess illi l-konvenut debitament interpellat biex iħallas l-istess bilanċ ta' prezz, anke permezz ta' ittra uffiċjali tat-23 ta' Settembru, 1994, baqa' inadempjenti;

Għaldaqstant l-atturi *nomine* talbu lil din il-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' tliet mija u tnejn u ħamsin lira Maltija (Lm352) bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' madum lilu mibjugħ u kkonsenjat, kif fuq spjegat;

Bl-interessi kummerċjali tal-konsenja u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Settembru, 1994, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *a fol. 6 fejn* eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi:

L-esponent għamel u ħallas żewġ ordnijiet ta' madum ta' 85 (ħamsa u tmenin) metri kwadri-il waħda mingħand l-atturi *nomine*; filwqt li l-ewwel kunsinna kienet ta' kwalità tajba, it-tieni kunsinna kienet ta' kwalità inferjuri u difettuża;

Illi ciononostante l-atturi *nomine* rrifjutaw illi jissostitwixxu tali madum difettuż, kif ukoll irrifjutaw jirrifondu l-prezz lill-esponenti;

Illi l-esponent għamel diversi spejjeż sabiex jordna materjal ieħor u jissana tali mankanza;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

*Omissis*;

Fil-każ in eżami l-konvenut qed jeċċepixxi li l-madum *polished* kien ta' kwalità tajba iżda t-tieni kunsinna kienet ta' kwalità inferjuri u difettuża. L-atturi naqsu li jissostitwixxu dan il-madum difettuż kif ukoll li jirrifondu l-prezz;

Skond il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna l-allegazzjoni tax-xerrej li oġġett hu difettuż ġie dejjem ikkunsidrat bħala allegazzjoni ta' vizzju redibitorju (Vol. 34, pt. 3, p. 779). Imbagħad skond is-sentenza **Cilia La Corte *vs* Galea** (Vol. XX, pt. 3, p. 57) il-Qorti rriteniet li: "*Che è giurisprudenza costante di questi tribunali che il diritto nascente da vizio che intitola all'azione redibitoria od estimatoria, non può essere dedotta in linea di eccezione, ma dev'essere in tempo utile esercitato per via di azione*";

Fix-xhieda tiegħu l-attur u anke s-*sales manager* tiegħu kkonfermaw li l-konvenut kien ra l-madum li kien ser jordna fix-*showroom* tagħhom. Huma kienu spjegawlu li l-madum *polished* u madum matt ma kinux ta' l-istess qies u kien hemm varjazzjoni u kellu jitwaħħal b'ċertu mod. Fil-Qorti l-konvenut xehed li l-madum matt ma kienx ta' l-istess qisien u partijiet minnhom ma kinux għal kollox dritti. Dwar dan il-Qorti semgħet biss ix-xhieda tal-konvenut u xejn ma ġie kkostatat;

In vista ta' dan u tal-fatt li l-konvenut ma jistax jaġixxi permezz ta' eċċezzjoni;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba ta' l-atturi *nomine* u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi *nomine* s-somma ta'

Lm352. Bl-imgħax kif mitlub u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

---